MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 5/2014

**iLab Photo Limited (C53019)**

**vs**

**Gareth Agius**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' iLab Photo Limited li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti hija socjetà kummercjali li tipprovdi servizzi relatati ma' fotografija u l-istampar, inkluz provvista ta' taghmir ghal dan il-ghan;

Fl-24 ta' Mejju 2012 is-socjetà rikorrenti dahlet fi ftehim ta' bejgh ta' kreditu mal-kumpanija Agfa Photo Lab Limited (C13832), li permezz tieghu l-esponenti akkwistat il-krediti tal-kumpanija msemmija (hawn anness u mmarkat bhala "**Dok GO1**").

Fost id-debituri ta' Agfa Photo Lab Limited kien hemm l-intimat Gareth Agius, illi fi ftehim ta' self datat 16 ta' Novembru 2009 (hawn anness u mmarkat bhala "**Dok. GO2**") li sar bejn l-istess intimat u s-socjetà Agfa Photo Lab Limited, kien irrikonoxxa illi ghandu jaghti lil Agfa Photo Lab Limited is-somma totali ta' sitta u ghoxrin elf mija u disgha u tletin Euro u sittax-il centezmu (€26,139.16).

Kif jidher mill-*istatement* datat 7 ta' Mejju 2012 (hawn anness u mmarkat bhala "**Dok. GO3**", l-intimat Gareth Agius ghad ghandu jaghti lis-socjetà rikorrenti is-somma totali ta' sbatax-il elf erba' mija u wiehed Euro u tnax-il centezmu (€17,401.12). L-*istatement* imsemmi kien intbaghat lill-intimat minn Agfa Photo Lab Ltd, li wkoll infurmat lill-intimat illi dan il-bilanc kellu jithallas lir-rikorrenti iLab Photo Limited.

B’ittra ufficcjali datata 12 ta’ Dicembru 2012 (hawn annessa u mmarkata bhala “**Dok. GO4**”, is-socjetà rikorrenti ghamlet riferenza ghad-debitu dovut mill-intimat lis-socjetà Agfa Photo Lab Limited, filwaqt li formalment infurmat lill-intimat bil-ftehim ta’ bejgh ta’ kreditu bejn is-socjetà rikorrenti u s-socjetà Agfa Photo Lab Limited tal-24 ta’ Mejju 2012;

Jigi rilevat permezz ta’ dan il-ftehim bejn ir-rikorrenti u Agfa Photo Lab Limited, id-debitu rimanenti dovut da parte tal-intimat lis-socjetà Agfa Photo Lab Limited gie assenjat lis-socjetà rikorrenti u dan skond l-Artikoli 1469 u 1470 (1) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) u ghalhekk bis-sahha ta’ dan il-ftehim s-socjetà rikorrenti ghandha tigi meqjusa bhala kreditrici diretta ta’ l-intimat ghad-debitu in kwistjoni.

Is-socjetà rikorrenti f’diversi okkazzjonijiet giet imwieghda mill-intimat illi l-ammont dovut kif hawn fuq imsemmi kien ha jithallas u illi l-hlas ta’ l-ammont dovut qatt ma gie ikkontestat;

Minhabba dan l-istat ta’ fatt u minhabba illi l-ammont dovut ma thallasx wara tali garanziji, inhareg Mandat ta’ Sekwestru kontra l-intimat, liema mandat gie milqugh minn din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta’ Dicembru 2013 numru 1909/13, (hawn anness u mmarkat bhala “**Dok. GO5**”);

Jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Procedura u Organizazzjoni (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) stante li l-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma tas-socjetà rikorrenti, l-intimat m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti kontra l-hlas tal-imsemmi ammont.

Intalbet din il-Qorti biex:

i) Tisma’ u tiddeciedi din it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta);

ii) Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tas-socjetà rikorrenti iLab Photo Limited fis-somma ta’ sbatax-il elf erba’ mija u wiehed Euro u tnax-il centezmu (€17,401.12) skond l-istatement datat 7 ta’ Mejju 2012 (anness “**Dok. GO3**”) u kif indikat fl-Ittra Ufficcjali datata 12 ta’ Dicembru 2012 (annessa bhala “**Dok. GO4**”);

iii) Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas minnufih lis-socjetà rikorrenti iLab Photo Limited l-ammont ta’ sbatax-il elf erba’ mija u wiehed Euro u tnax-il centezmu (€17,401.12);

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1909/13 datat 17 ta’ Dicembru 2013 (anness bhala “**Dok. GO5**”) u bl-imghaxijiet legali bl-oghla rata applikabbli skond il-ligi, mid-data tal-fattura sal-pagament effettiv, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, Gareth Agius baqa’ ma deherx.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba, tilqa’ t-tieni talba kif dedotta, tilqa’ t-tielet talba, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez jithallsu minn Gareth Agius.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------